# Minuti tal-41 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's

Il-41 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's saret nhar l-Erbgħa, 22 ta' Mejju 2013 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu iċ-*Chairperson* is-Sinjura Maria Elena Debattista, il-Viċi-*Chairperson* is-Sur Norman Clews, is-Sur Mario Bartolo, is-Sur Simon Vella u s-Sur Luciano Farrugia.

Item 2- Approvazzjoni tal-Minuti

Qabel mal-minuti tal-40 laqgħa ġew approvati, is-Sur Vella ppropona li ssir korrezzjoni fir-raba' paragrafu ta' paġna 131 u minflok il-kliem 'tħallew fit-triq' jidħol il-kliem 'tħallew fuq il-bankina'. Is-Sinjura Debattista issekondat lis-Sur Vella u l-Kumitat qabel unanimament li ssir din il-korrezzjoni

Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Bartolo li ġiet issekondata mis-Sur Clews.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sinjura Maria Elena Debattista semmiet il-ħtieġa li jiġu *refreshed* il-*parking bays* fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sur Bartolo u s-Sur Vella tkellmu dwar il-ħtieġa li titwaħħal mera fi Triq San Leonardu.

Dwar ix-xogħol ta' *resurfacing* li ser issir fi Triq il-Marżebb, is-Sur Bartolo qal li f'din it-triq trid issir trinka għal *cable* tas-*sub station* li ser issir fiż-żona. Iċ-*Chairperson* irrimarkat li x-xogħol relatat mal-Korporazzjoni Enemalta għandhom jitħallsu mill-Korporazzjoni u mhux mill-Kumitat.

Is-Sur Norman Clews talab li tintbgħat ittra lis-Sindku tal-Kalkara fejn il-Kumitat Amministrattiv jitlob l-għajnuna tal-Kunsill biex issir bankina ġdida fi Triq San Leonardu li parti minnha trid tiġi estiża fil-konfini tal-Kalkara.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra mibgħuta mill-Korporazzjoni Enemalta dwar ix-xogħol relatat mas-servizzi ta’ din l-entita’ u x-xogħol ta’ *resurfacing* li jrid isir fi Triq il-Marżebb.

Item 5 – Xogħol tal-Kumitat

Dan l-*item* ma ġiex diskuss mill-Kumitat.

Item 6 – Affarijiet Oħra

Is-Sur Bartolo talab li tiġi rranġata bankina li hemm fi Triq Dun Salv Sciberras.

Is-Sur Farrugia ppropona li Triq is-Sebellika u Triq iż-Żagħrun isiru *One Way* jew minflok isiru *double yellow lines* fuq naħa waħda ta’ dawn it-toroq. Is-Sur Bartolo issekonda lis-Sur Farrugia u l-Kumitat qabel unanimament li jikkonsulta mar-residenti biex id-dħul għal Triq is-Sebellika jibda jsir minn Triq San Leonardu u d-dħul għal Triq iż-Żagħrun ikun minn Triq l-Għakrux.

Is-Sur Bartolo semma l-ħtieġa li l-Kumitat jagħmel pressjoni biex jingħataw il-fondi sabiex isiru t-tiswijiet li hemm bżonn fil-*playing field* ta’ Triq l-Għakrux.

Is-Sur Clews tkellem dwar l-eventwalita` illi ż-żona ta’ madwar il-*playing field* tiġi żona pedonali kif kien ġie suġġerit fil-laqgħa preċedenti tal-Kumitat.

Is-Sur Bartolo talab li jiġi rranġat il-fanal imkisser li hemm fil-*playing field* ta’ Triq l-Għakrux.

Is-Sur Vella qal li xi tfal kienu qegħdin jiġru mat-toroq f’St Peter’s partikolarment fi Triq Patri Feliċjan Grech fejn dawn it-tfal qed jidħlu fl-għelieqi li hemm fit-triq u jibnu bil-ġebel u materjal ieħor.

Is-Sur Bartolo talab li jsiru *directional signs* madwar ir-*roundabout* ta’ Triq San Leonardu.

Is-Sur Vella talab li jinxtara u jitwaħħal *dog litter bin* fi Triq il-Marżebb. Is-Sur Farrugia issekonda lis-Sur Vella u l-Kumitat qabel unanimament li dan jinxtara.

Is-Sinjura Debattista semmiet il-ħtieġa li ma jibqax jintefa aktar skart fi Triq l-Għakrux kantuniera ma Triq iż-Żagħrun. Is-Sur Bartolo qal li hemm bżonn li jsir aktar infurzar f’dan ir-rigward bil-preżenza tal-Gwardjani Lokali speċjalment wara s-sebgħa ta’ filgħaxija.

Is-Sur Bartolo informa lill-Kumitat bil-preparamenti għal *football tournament* li ser isir fit-18 ta' Mejju, 2013 bħalha parti mill-attivita HealthFest li ser jorganizza l-Kunsill Lokali.

Is-Sur Farrugia semma l-ħtieġa li jekk hu possibli l-ħajt li sar fi Triq l-Għakrux jiġi estiż għal parti minn Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Is-Sinjura Debattista talbet li ssir pressjoni biex tiġi mdawwra b'ħajt art mitluqa li hemm fi Triq il-Farfett tal-Fejġel.

Il-laqgħa spiċċat fis-7.00 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-42 laqgħa li saret nhar il-Ġimgħa, 21 ta' Ġunju, 2013.

Maria Elena Debattista
Chairperson